79

095

# " FJURI SUWED! "

Dramm originali f-Att Wiehed

ta' CARMELO GALEA S.D.B.

Propieta' Letterarja,

Riservata ghal pajjisi kollha.

Nhar L-Apsi 1965.

Sliema-Malta.

SALESIAN THEATRE

– SLIEMA –

SCRIPT No. 279

Nies id-dramm.

| | | |
|---|---|---|
| Karlu........;. | Avukat bill pensjoni | Snin 64. |
| Vittorja....... | Binthu mizzewga lil inginier | " 35. |
| Orazju......... | Missier fuq tieghu ta' | " 37. |
| Mario.......... | Tifel ghama mit-twelid | " 12. |
| Filipp......... | Qaddej ta' Karlu l-aktar fidil | " 60. |

Ghamla ta' nies id-dramm:

Karlu — Avukat bil pensjoni, ghama mhux mit-twelid, izda jekk wieħed ma jkunx jaf hadd ma jinduna illi huha ghama. Ghadu sabieh, qalbhu f-idejh u rett f'kollox.

Vittorja — Mara mzejna b-kollox;tbieh il ghaqal, tifla wahdanija u thobb lil missiera u lil binha daqs hbub ghinejha.

Orazju — Inginier. Fjur ta' rgulija...ihobb lil familja u lil Art twelidu; dak illi jhoss jghidu. Bniedem li bil hila tieghu ghamel fortuna gewwa l-Australja.

Mario — Tifel ghama mit-twelid, izda ghajnejh bhal ta' nannuh, ma jghatu ebda hjel ta' bniedem ghama. Helu zokkor mhux bis f-wiccu, izda wkol f,ghemilu

Filipp — Qaddej ta' Karlu l-aktar fidil, ihobb lil sidhu b-imhabba tal genn, siebi u nadif xammiema. Dejjem bit-tbissima fuq wiccu.

................

Id-dramm jinhadem fil Gzira ta' Malta fl-Isla, fid-dar ta' Karlu, fi zmien il festi tar-rabagh mitt sena ta' l-Assedju ta' Malta fl-l ta' Settembru,1965.
Ilbies u drawwiet kollox ta' zminijitna meta 'l-gzejjer tghana qedin jghamlu l-akbar Ghid lil missirietna li carcru demmhom ghalina.

Xena fuq il-palk tat-tiatru:

Sala fejn wiehed jilqa lin-nies fid-dar ta' l-Avukat Karlu.
( Nobli ) Ghamara mill ahjar xierqa lil familja ghanja.
Fis-sala hemm bieb fil-lemin u jehor fix-xellug bill purtieri u tieqa kbira bill purtiera wkol illi thares ghal port il kbir illi mall ftugh tal purtieri jdru s-swar ggantija tal belt Valletta kollha dwal u imbandiriti.
Huha ta'dmir illi jkun hemm fuq il palk: Sufan, putruni miksijin bil harir ahmar in-nahha ta' quddiem u fill fond tal palk fejn jider sewwa hemm Vazett bill fjuri Settembrini fuq tavolin.
Ma jonqosx tizjin jehor l-ghawn u l-hemm unxi nqwatri zbieh mal hitan.

Ma' nzul ix-xemx Settembrina 1965.
Mis-sebagh sat-tminja ta'filghaxija.

---

L-ewwel Xena

Karlu wahdu.

Karlu ( Liebes pijama tal harir bilqeda fuq is-sufan ipejjep fl-akbar hena tieghu, jitfa' fwawar taB duhhan minn fommhu u kull tant ipetpet ghajnejh. Fill hin tinstema il banda tal Morins iddoqq marcha li tferrah il qlub! Karlu jitbissem jitghaxxaq bill musika.) ( Jixtarr )

Illum l-ewwel ta' Settembru 1965. Gheluq ir-rabagh mitt sena ta' l-Assedju ta'Malta. Milli jider qedin jhejju festi kbar!..... U nghid! Min jista' qatt jinsa dawn il grajja; Storja illi miktuba f-ittri tad-deheb f-kull qalb ta' kul malti.
Kien it-tminja ta' Settembru 1565, meta x-xwieni torok mirfuha hallew il gzejjer tghana, u il ferh ghani ta' dikinhar ghadu jinhass sal-lum minn missier ghal iben! ( Pawsa.) Filipp! ( Jsejjah.) Filipp!!

It-tieni Xena

Filipp u Karlu.

Filipp (Liebes ta' qaldej, glekk abjad u qalziet iswed dejjem lest biex jaqdi lil padrun tieghu bit-tbissima fuq wiccu. ) Fiex nista naqdik Sur Avukat?

Karlu Jekk jghogbok mexxi daqxejn dik il purtiera tat-tieqa. Ghal inqas ma nistax nara noqodt nitghaxxaq ftit bil musika......

Filipp (Imur malajr imexxi il purtiera tat-tieqa. ) Hekk ahjar Sinjur? ( Il musika tinstema aktar qawwija.)

Karlu Hekk ahjar.....Festi kbar din is-sena ghal jum ta' l-Assedju Filipp?.....

Filipp Iva sinjur. Gejjin turisti mid-dinja kollha.

Karlu Wara 14 il sena sejjer ikolli x-xorti qabel immut nghannaq ma qalbi lil binti wahdanija ma binha Mario.

| | |
|---|---|
| Filipp | Meta tasal bintek mill Australia jkollha x-tara fil festi ta' Malta Sinjur..... Sejra tkun wahda mill akbar festi li qatt raw il gzejjer tghana! |
| Karlu | Mur ara 'l-port il kbir eh?!... |
| Filipp | Xi gmiel il port il kbir, Sinjur!... |
| Karlu | Ghidli xihaga Filipp.... |
| Filipp | (Qalbhu mixghoula bl-imhabba jmur ihares mit-tieqa.) Dahlu erbagh flotot; l-Inglisa, Amerikana, Francisa u Taljana. Kollha mixghulin u imbanderiti. Imbghadt ghem gegwigija ta' dghajjes imzejnin bill fanali ââlla Venezjana u miksijin kollha fjuri. Id-dwal tal frejgati fuq l-ilma cass tal bahar donnom bandieri ohra iprpru maz-ziffa helwa tar-rieh!...Il bahar sar donnu wied miksi bil gawhar. |
| Karlu | U minn dan kollu jen ma nista' nara xejn! ( Ghandu nota ta' swied il qalb. ) |
| Filipp | (Jersaq ma' gemb Karlu.) Sinjur, jena kelli hsieb infawwarlek qalbek bill ferh.... |
| Karlu | Ma inix imnikket, u l-aktar ghaxnaf illi l-lum ghanda tasal binti mill Australia. ( Il banda tieqaf.) Filipp, erga' aqrali ftit it-telegramm li bghatet binti. |
| Filipp | (Imur igib it-telegramm minn fuq il mejda.) Hekku Sinjur. |
| Karlu | Aqra Filipp. |
| Filipp | (Jaqra t-telegramm.) " Ghaziz Papa', jena, ibni u zewgi naslu Malta fl-ewwel ta' Settembru, fis-sitta u nofs.<br>Bintek Vittoria Galea. " |
| Karlu | X-hin hu? |
| Filipp | (Ihares lejn l-arlogg ta'idejh.) ~~Is-sebagh~~ Il tomba nieqes hames minuti. |
| Karlu | Mela dewlaqt insibuhom ma' wiccna...... |
| Filipp | ~~Fill hamsa l-ajruplan jasal fis-sodrum~~. hekk hu..... |
| Karlu | Hejjejtilhom kollox? |
| Filipp | Iva Sinjur, bintek torqod fill kamra tal-logga li thares ghal bahar u kunjatuk man-nepputi jorqdu flimkie fill kamra li tghati ghal gnien. |
| Karlu | Qighed xi ftit fjuri fis-sala? Jew ma kienx fadal izjed fill gnien? |
| Filipp | Fethu fjuri godda, il gmiel tghahom Sinjur, qtajt l-izbah fosthom u poggejthom go vazett fuq tavolin. |
| Karlu | M-ghux ghalik Filipp! Dak li ma nistax nghamel jena ma binti ghamlu int. |
| Filipp | Halli f'idejja Sur Avukat....( Imur igib il vazett bill fjuri u jxommom lil Karlu.) Xi gmiel Sinjur!... |
| Karlu | Xi fwieha ta' ward il hena! jena li ma twilidx ghama naf kemm hiha sabieha s-saltna tal fjuri.....<br>(Tinstema il qampiena elettrika tal bieb ta' barra ddoqq b-hegga.) |

Karlu Filipp, tahseb li waslu huma?!

Filipp L-inqas haga Sinjur....halli mmur nara. ( Johrog mix-xellug bill heffa.)

It-tielet Xena

Karlu wahdu.

Karlu (Baqa' wahdu bilqeda fuq is-sufan.) Wara 14 il sena! Imma issa x-inhi din ir-rghoda li qabditni?! Binti hallitni nara daqs ghasfur u issa sejra ssibni ghama. Jinhtieg nghamel il hila.... Niftakar qiesu l-lum.... Kienet twielded fill festa tal Bambina u jena semmejtha ghaliha: "Vittoria." Binti l-ghaziza Vittoria l-inqas lil mama' tighek minti sejra ssib, hiha wkol marret mal qtajja ta' l-angli tas-sema!

Ir-rabagh Xena

Karlu, Filipp u Vittorja.

Filipp (Jithol l-ewwel wiehed bl-akbar imgieba.) Ghaddi Sinjura. Arah hemm il papa' tieghek qieghed jistennik (johrog.)

Vittoria Nizzi hajr Filipp.

Karlu (Li sama lehen Vittoria iqum bi hrara.) Ejja l-ghawn binti l-ghaziza! ( Jiftah dirghinh berah biex jghannaq lil Vittoria. )

Vittoria (Tmur tigri b-nifisha maqtugh fi hdan Karlu. ) Papa' tieghi! ( Jitghanqu u jitbewsu kemm il darba u fil biki tal ferh Alla bis jaf x-gghaddi bejn dawk iz-zewg qlub li jinhabbu bhal angli. )

Karlu Binti Vittoria, lil mama' ma sibtiex biex tatik il bewsa taghha u inqas hbub ghajnejja ma jistghu jarawk bhal meta ckejkna kont inzeffnek fuq ir-rkuptejja.

Vittoria (Qalbha maqsuma, kemm,kemm tiflah tlissen kelma.) Naf kollox Papa'! Imma issa jena gejt mill Australia u ninsab ma' gembek. ( Terga tbus lil Karlu fuq gbinhu. )

Karlu Poggi bilqgheda ma gembi, irrid ingawdi dak il lehen sabieh tieghek..... Tiftakar meta kont tkanta mal pianuforti tal mama?

Vittoria Niftakar Papa', ghad ikonna zmien inemmghek lehni, u aktar sabieh minn qabel....( Joqodu bilqgheda fuq is-sufan ma' gemb xulxin. )

Karlu Binti, ghalija lehnek huha izbah mill ghana tal poeti! Kemm nixtieq nistaqsik hwejjeg f'daqqa.......

Vittoria Issa jkonna zmien nitkelmu Papa'....u nurik x-gibtlek mieghi mill Australia.

| | |
|---|---|
| Karlu | Imma binti, ghalija stajt gibtli iz-zrienaq tax-xemx u il gawhar tal kwiekeb.....Ghalija m-hemm lejl u nhar, ma hemmx deheb u fidda....Ix-xemx titlagh u tinzelbla ma nintebah.... |
| Vittoria | Imma jena gibtlek l-izbah coat ghax-xitwa. |
| Karlu | Nizzihajr binti, dak iva nghozzu. ( Ferhan. ) |
| Vittoria | Imma Papa', fuq wiccek ghad ghandek dik it-tbissima helwa ta' meta hallejtek. |
| Karlu | Imma dejjem dlam quddiemi. Dak wiccek binti ma narahx izjed....u inqas dawk il kwiekeb ma narahom izjed ileqqu fis-sema ikhal ta' Malta. |
| Vittoria | Izda b-dana kollu ma narakx qalbek sewda. |
| Karlu | Hekku binti, qeda tghid sewwa. F-din id-dalma qabel ma tlift id-dawl kont fajt haga li ghada tfakkarni fil gmiel u kobor il holqien; Kien ghadni tifel ta' 12 il sena meta fl-1913 sar il Kongress internazjonali. Malta dikinar rat ilwien tal bandieri tal gnus kollha, rat ucuh mid-dinja kollha; fuq l-art tal gzira tghana kien ghawn hafna principjet tal knisja, u meta ix-xemx tefghat iz-zrienaq taghha fuq it-tizjin tal gzejjer tghana, instemghat ghajta kbira: " Viva Malta ta' Kristu rebbieha fuq in-nofs qamar! " |
| Vittoria | U din il ghajta kbira sejra terga tinstema qalb bnadar u xita ta' fjuri illi t-toroq diga' mzejnin bihom. |
| Karlu | Nisimghuha mad-daqq helu tal qniepem.....Tiftakar binti 14 il sena ilu, jena kont fil gnien qalb il fjuri nitghaxxaq b-dak in-nahal narah jerda l-ghasel minn fomm il gilji u inti gejt ma zewgek biex tatuni 'l-bewsa ta' l-addio ghal Australia? |
| Vittoria | U issa ninsab ma gembek nahsibha jekk nergax ninfired minnek...... |
| Karlu | Le binti, ismghani: zewgek Orazju huha inginier, impiegat tajjeb fl-Australia....jena marridc infixklilkom din il hajja tal Ward il hena..... |
| Vittoria | Imma jena 'l-Ward il hena nsibhu ma' gembek Papa'. zewgi f-14 il sena xghol ghamel fortuna, u ghandna biex nghixu..... |
| Karlu | Barra minn dak li ghadt trid tired wara mewti.... |
| Vittoria | Le Papa', jena rridek tghix...Irrid inkun it-torca illi ddawwallek il passi tieghek, fimtni? |
| Karlu | Bizzejjed lehnek biex tghamel festa fil qalb tieghi, imma Orazju x-jghid? |
| Vittorja | Orazju jibqa' mieghi ukol biex dak illi inti ma tistax tara b-ghajnejk nuruhulek fl-imhabba tghana! |
| Karlu | Kemm inti tajba binti! U s-sema kemm habbni: Malli mietet il mama' tieghek, Alla bghatli qaddej tad-deheb! X-imhabba!...Ma jhallini nieqes minn xejn; ilibbisni, jitmghani,u jraqqadni. F-idejh qiesni sirt xi tarbija. u ntrid tara bliema mhabba jnizzinni fil gnien ghal fwieha tal fjuri.... |
| Vittoria | U issa jen irrid inroddlok dawk l-14 il sena li ili bghodt minnek. Tassew mill indafa tad-dar jider li |

Vittoria    li ghandek qaddej jiswa mitqlhu deheb.... Isma papa' tinsiex li jena bintek....

Karlu    Tkun xorti kbira ghalija illi mmut f'idejk... imma ma nhossnix imdejjaq.... Meta kien ghadt ghandi d-dawl kienu jeqghu tant hwejjeg koroh taht ghajnejja li kienu jwahhxuni! u l-aktar meta kont niddefendi xi kawza....Issa nhoss certa paci go' qalbi li nghidlek kif nhossa: inqas nixtieq nerga nghara 'l-krugh tad-dinja.

Vittoria    Kemm niehu gost nisimghek titkellem hekk! Fid-dlam sibt il paci?

Karlu    Fid-dlam sibt l-Alla; ghaliex gmiel il holqien qatt ma ntefa' quddiemi, daqs kieku ghad ghandi ghajnejja tal gawhar.

Vittoria    (Terga tbus lil Karlu fuq gbinhu.) Papa', nista naqdik f-xi haga?

Karlu    Binti, ma jidirlekx illi 'l-ferh nissiena dmirijet ohra? Zewgek u ibnek Mario fejn huma?

Vittoria    Oraziu hallejtu ghadu qighed ilum lix-xufier ghaliex sakemm wassanna s-ghun kien ghoddu qatinna.

Karlu    Mela kien fis-sakra?

Vittoria    Kien qiesu mignun.

Karlu    U ibnek Mario?

Vittoria    Mario baqa' ma missierhu ghaliex ma jhallieh qatt wahdu.

Karlu    Imma Mario l-lum mhux xi baby.... Inti kont ktibtli illi issa ghandu 12 il sena.

Vittoria    Izda ma nhalluh qatt wahdu. ( Titbighedt ftit minn Karlu u tghid uheda bl-akbar qsim il qalb. )
Mur ghid lil Papa' illi ibni twieled ghama! Ibni ghama bhal Papa'!

Karlu    Binti!...( Ifittex b-idejh u ma jsibx lil Vittoria.)
Binti fejn int? ( Ipetpet ghajnejnh bla sabar. )

Vittoria    Ghawn jena Pa'; mort biex nara humiex gejjin.
(Terga tmur ma' gemb Karlu.)

Karlu    (Ifittex b-idejh u imiss wicc Vittoria. )Binti fost dan il ferh haga bis tghafasli qalbi; illi meta jigi ibnek jifrah bija ma nkunx nista' nitghaxxaq bi gmiel ghajnejh....

Vittoria    (Uheda.) Madonna tini l-ghajnuna!

Karlu    Kif binti?

Vittoria    Il ferh Papa' igighenni nghid kollox.

Karlu    U nghid.... il ferh jahassra!... ( Iteftef b-idhu u imiss wicc Vittoria u ibusha. )

Vittoria    Papa', ibni Mario hareg jigbah lilek f'kollox.... Is-Sema xehet fuq wiccu dawl ta' hlewwa kif ipingu l-angli. ( Dejjem ghanda del ta' dieq ta'qalb. )

Karlu — Jigbah lili f-kollox? Nittama li mhux ghama bhali hux tas-sew?!

Vittoria — X-inti tghid Papa'?! ( Ma tistax izzomm il biki, tohrog maktur u tghatti fommha. )

Karlu — (Iteftef b-idhu u meta jmis wicc Vittoria isibu mahsul bid-dmugh.) Binti, jena qighed nifem sewwa?!... Wiccek mahsul bid-dmugh! Marridc nahseb li qeda tibki?!

Vittoria — Pa', ahseb ftit wara 14 il sena....( Ma tistax tlissen Kelma ohra. )

Karlu — Kemm qed tghid sewwa. ( Imissilha rasha, fill hin jinstema lehen Filipp. )

Vittoria — Pa', ibni gej ma' missieru. Issa jekk trid tghaminni ferhana nitolbok favur....

Karlu — Kull ma titlobni binti.....

Vittoria — Lil ibni Mario turiehx illi inti ma tarax.

Karlu — Imma huha ghandu ghajnejn biex jarani.

Vittoria — Pa', min ma jafx ma tidirx illi inti ghama. Ghandek ghajnejk izbah minn tieghi.

Karlu — Tajjeb, nghamel kif tghidli. Issa binti nitolbok twassalni fill kamra tal pranxu halli ghandi kaxxetta bic-cikkulata nirregalah lil ibnek.

Vittoria — Aqbadt ma' idrighi Papa'.

Karlu — (Iqum bill mod, jaqbadt ma' dirghin Vittoria u Vittoria bl-akbar imhabba tohorgu mix-xellug. )

(Xena vojta ghal ftit u dan il vojt jintela' b-musika helwa ta' qsim li qalb sakemm jithol fix-xena Oraziu qighed imexxi lil Mario ghama bill modt minn idejh.)

Il Hames Xena

Filipp, Oraziu u Mario.

Filipp — (Jithol l-ewwel wiehed jiftah it-trieq lil Oraziu ma' ibnhu Mario. ) Ghaddu Sinjuri....Nahseb illi l-avukat mar ma binthu biex igibu xihaga minn gewwa.

Oraziu — (Jithol qighed imexxi lil Mario qajl qajl biex ma (jahbatx ma' xihaga.) (Oraziu ragel sabieh, liebes libsa tas-safar. Mario tifel ta' 12 il sena helu zokkra, ghama, izda bhal nannuh ghajnejnh cari bhal bniedem li jara, bis kull tant ipepet ghajnegh u ifittex dejjem b-idejh biex ma jahbatx ma' xihaga. )

Filipp — Poggu bilqgheda Sur Oraziu, sadattant jen immur inhabbar il migja tghakom. (Johrog minn fejn hareg Karlu. )

Is-Sitt Xena.

Oraziu u Mario

Oraziu ( Lil Mario li issa jinsabu uhidom.) Mario, ejja noqodu billqgheda sakemm jigi n-nannu. ( Iressaq lil Mario ma' gemb is-sufan, iqighedu bilqgheda u hu joqod ma' gembu. )

Mario Pa', il mama' fejn marret?

Oraziu Il mama' nahseb illi kella sebagh mitt sena biex iddur dawra mad-dar li rat it-twelid taghha. Il qaddej mar ihabbar il wasla tghana u ahna nistennew ghawn sakemm jigu.....

Mario Papa', meta konna l-Australia dejjem kont tirrakkontali fuq il gmiel ta' Malta u l-istorja kbira taghha....

Oraziu Kieku ghal ftit tista tara ibni.....Kont tistghageb tara dawk is-swar li bnew il Kavalieri ta' Malta.

Mario Dawn x-ikunu Pa'?

Oraziu Dawn huma hitan kbar, kbar, li jghalqu il belt Valletta biex meta kienu jithlu x-xwieni torok fl-ibhra tghana missirijetna kinu jilhquhom bil kanuni u ma jhalluhom jksirqu 'l-Wirt li ghalieh carcru demmhom hutna 'l-maltin.

Mario Pa', ghettli li sejrin jghamlu festi kbar?

Oraziu Din is-sena tahbat ir-rabagh mitt sena ta' l-Assedju 'l-kbir u bhal issa Malta mzejna qiesa Genna!...

Mario Din id-dar tan-nannu sabieha wkol Papa'?

Oraziu Dar ta' Avukat....Din id-dar tan-nannu li rat it-twelid tal mama' tighek hiha dar qadima, imma kbira daqs palazz. L-izbah dar li tinsab fl-Isla kollha.

Mario Imdawla xejn?

Oraziu Malli jizbah tigi milquta mill ewwel zrienaq tax-xemx, thares lejn il port il kbir u mill gnien taghha tixhet dik il mewga helwa ta' fwieha ta' fjuri u u t-tbissima tal hdura. Meta kien ghadni gharus lil mama' tighek filghaxija kont nigi ghawn biex nitghaxxaq bil ghana ta' l-ghasafar li kienu jihgabru fuq il hdura tas-sigar.

Mario Xtaqt kieku nista' nara il hoqien t-Alla fil gmiel u 'l-kobor tieghu!...

Oraziu Kieku ibni ma kontx issib kelma biex tghid kemm Huha kbir Alla!

Mario Imma din il kelma insibuha meta mmorru fill Genna Papa'.

Oraziu Kemm inti bravu ibni! Alla hadlek id-dawl t-ghajnejk, izda qighedulek f-mohhok. ( Imellislu rashu. )

Mario X-hin tahseb li qatt ma rajt lil wiccek Papa; lil wicc il mama'!...ghal inqas kieku nista' nara wicc in-nannu!...Il mama' dejjem tghidli illi jena hrigt nigbah lin-nannu f-kollox....

Oraziu Int ir-ritratt tieghu.

Mario Imma n-nannu mhux ghama bhali hux tassew?

Oraziu X-inti tghid ibni?! In-nannu tieghek fl-Isla kollha

Orazju ...mghawx ragel izbah minnhu.

Mario U jen ma nista' nara xejn. ( Imdejjaq. )

Oraziu Le Mario, tghamilx hekk....Ghada nohorgu u tisma' il banet ta' Malta kollha jdoqqu, u l-ilhna tal qniepen ihabbru il festi. ( Jinstemagh lehen in-nannu. ) Gejjin ibni. Issa haga nixtieq minnek....

Mario Dejjem obdejtek f-kollox Papa'.

Oraziu Turiehx lin-nannu illi inti ghama.

Mario Imma huha mghandux ghajnejn biex jarani?!...

Oraziu Ghandek par ghajnejn ileqqu daqs il gawhar u naqta' ghonqi mhatra li min ma jafx hadd ma jintebah illi inti twilidt ghama.

Mario Nghamel kif tghidli Papa'. (Jinstema kliem Karlu aktar fill qrib. )

Oraziu Wasal in-nannu, Mario, issa jena nerfghak, inresqek ma' gembhu u inti iftah dirghink berah u bl-akbar ferh ghajjat bhalli kieku rajtu: Nannu! Nannu!! u jekk jistaqsik xihaga wiegeb dak li ghettlek jena.

Mario Erfaghni Papa'.

Is-Sebagh Xena.

Karlu, Vittoria, Oraziu u Mario.

Vittoria (Tithol minn fejn harget izzomm lil Karlu minn idejh. Karlu f-idhu wahda ghandu kaxxetta bic-cikkulata.) Ibni Mario, ejja bus lin-nannu.

Oraziu (Jaqbad b-hegga lil Mario u jehdu fi hdan Karlu. )

Mario (Meta jsib ruhu fi hdan in-nannu jiftah dirghajh u bl-akbar ferh ta' qalbu jghajjat. ) Nannu! Nannu! (Kontra xena ta' Oraziu u Vittoria. )

Karlu (Wara li ghannaq u bies kemm il darba lil Mario bid-dmugh f'ghajejh.) Mario nepputi tieghi!!! (Jerga jbushu. Mario u Karlu jingasmu f-bikja kbira. Oraziu li jinsab ma' gemb Vittoria jinfexxu wkol jibku. Fuq il palk taqa' hemda kbira u din il hemda u 'l-pawsa twila jintlew b-musika Innu malti. Meta tieqaf il musika. ) Neputi, inti r-ritratt tieghi!... (Jerga jbushu. )

Mario Iva nannu, hekk qaltli 'l-mama' illi jena nigbhek f-kollox.....

Karlu (Inizzel minn hdanhu lil Mario.) Hatni Oraziu fejn hu? ( Iteftef b-idhu.)

Oraziu Ghawn jena Papa'. ( Ibus lil Karlu. )

Karlu (Ifittex illi ibus lil Oraziu. ) Kemmm inhossni ferhan!.. Wara 14 il sena mifrudin ergajna iltqajna fid-dar tieghi. Issa nghamlu festa kbira!...Il festa ta' l-Assedju... Mela x-inhu, nassedjakom fid-dar tieghi u minn ghawn ma tohorgux izjed.... ( Jitbissem. )

Karlu (Issa il-biki ta' kulhadd jitbiddel fi tbissima ta' ferh.) Oraziu, x-kellek xi tghid ma' dak ix-xufier?

Oraziu Ma hadx ghalieh ghax kieku kont insejjah pulizija..... Wara li kien ghoddu qatinna hasibna xi Amerikani.... talabni sitt liri; u ghax ghettlu nofs ta' kelma bhal xejn ma riedx jahbat ghalija!...Bi kliem l-aktar fahxi xehitli fuq wicci is-semm kollu li kellu mohbi taht ilsienhu.

Karlu Ghajb ghalieh!... Imma issa Oraziu jinhtieg li ninsew kollox. id-dar tieghi qishua d-dar tghakom.... Intkom din id-dar tafhua tajjeb...Filipp, il qaddej fidil tieghi,hazbilkom ghal kollox...Jekk hallejthu 'l-valiggi x-imkien tistghu ittellghuhom fill kmamar ta' fuq, jena nibqa ghawn man-nepputi halli ngawdu ftit lill xulxin.....

Vittoria (taqbadt minn drighu lil Karlu u tqighedu fuq is-sufan, Oraziu jaqbadt minn drighu lil Mario u iqighedu bilqeda ma' gemb in-nannu.) Nergighu nilteqghu Papa'...

Karlu A Dio binti.

Oraziu A rivederci kunjat.

Karlu A rivederci Oraziu. Tinsewx tghatu daqqa t-ghajn fuq il port il kbir...

Vittoria Iva Papa'. ( Huma u hergin Vittoria u Oraziu jilteqghu ma' Filipp, Vittoria tkellem lil Filippp f'widnejh. Filippp jghamel ghelm b-rashu "Iva", igifieri li fehem kollox. Vittoria u Oraziu johorgu. Filipp fuq ponot sibghajh imur joqod bilwieqfa wara is-sufan bejn Karlu u Mario ghal kul ma jista' jinqala. )

It-tmin Xena.

Karlu, Mario u Filipp.

Karlu (Billi dahallu xi suspett illi Mario huha ghama bhalu jibda biex jgharblu. ) Nepputi, x-ghettli li qaltlek ftit ilu il Mama' fuqi?

Mario Qaltli li jena nigbhek f-kollox.....

Karlu Imma inti mintix bhali....irrid nghid inti tara hux tassew?

Mario Ma nigbhekx nannu jena?

Karlu Iva....ridt nghid, int mintix xieh bhali.... u tara mhux tassew?

Mario Malli norqod nannu fil holm tieghi nara hwejjeg zbieh li inqas insib kliem biex infissiromlok! Nara dwal jitbidlu li qatt ma rajt bhalom....

Karlu Dwal eh! Ma taqtax x-nara jen fill holm tieghi?

Mario Min jaf nannu....

Karlu Nara lilek nepputi.

Mario Imma kif tarani?

Karlu (Imhawwad.) Narak...narak...hekku, narak fil gnien ~~kik~~ tilghab qalb dawk il fjuri. ( Dejjem ghandu mewga ta' suspett illi Mario huha ghama. ) Neputi, ghogbitek id-dar tieghi?

Mario ( Jiftakar il kliem li qallu missierhu. ) Id-dar ghalkemm hiha qadima, imma kbira hafna u sabieha.... umbghadt hej dak il gnien bil fjuri u dik il veduta tal bahar....Tassew sabieha.

Karlu (Wahdu.) Ghandi suspett li qighed itertaqli qalbi!... (Lil Mario.) Imma d-dar rajta fuq barra?....

Mario Uh!...Nannu kemm domt inhares lejn dawk is-swar gholjin illi nhaslu bid-demm ta' missirijetna...Sal biki tani!...

Karlu Biki ghaliex?

Mario Ghax dak il gnien bil fjuri sthajjiltu benniena tal ward fejn twieldd il mama' tieghi.

Karlu Mela rajtu 'l-gnien b-dawk l-istatwi ta' rham qalb is-sigar hux tassew?

Mario U dawk l-ghasafar jittajru nannu.....

Karlu Huma jraqqduni filghaxija u ma l-ghana taghhom nistembah.

Mario Fl-Australia ghandna il Kangarun.

Karlu (Jilghab l-ahhar lghoba.) Neputi thobba c-cikkulata?

Mario Oh! Ic-cikkulata hiha l-manna tieghi. Daqs kemm niekol...

Karlu Mela sejjer nghamillek lghoba u jekk taqtaghha ghandi kaxetta bic-cikkulata natijelek; isa halli nara: Dawn kemm huma? ( Jurieh erbagh tiswaba. Filipp ikun pront ikellem f-widnejh lil Mario. )

Mario (Iwiegeb malajr.) Dawk erbagh nannu. (jitkaq.)

Karlu Bravu nepputi tieghi! ( Jghannaq lil Mario u ibusu.) Hekku c-cikkulata. ( Iqighedlu f-idhu il kaxxetta Tac-cikkulata.) Issa nhossni aktar hieni!

Mario Issa halli nara taqtax dan min hu nannu. ( Johrog fotografija minn hobbhu u iqighedielu quddiemu.) Min hu dan nannu? ( Filipp ikellem lil Karlu f-widnejh.)

Karlu (Malajr.) Dan huha r-ritratt tieghek nepputi.

Mario Jigbahni?...u lilek ukol nannu....

Karlu Imqaxxar...jigbahni...Iva!...Iva!...

Mario Dak gibthu ghalik nannu biex meta tarah tiftakar fija. (Jghati il fotografija lin-nannu.)

Karlu (Jehu il fotografija u ibusa u f'daqqa wahda jinfex jibki.) Inzommu tifkira tieghek.

Mario (Idejh imorru fuq wicc Karlu w jsibu mahsul bid-dmugh.) Nannu, inti qighed tibki!?....

Karlu Iva neputi! Qalbi ma tiflahx izjed!..x-hin tahseb... Kieku.....Mela.....x-inhu!....( Ghadu jibki.)

Mario Kieku?! Ghidli nannu x-kont tghamel?

Karlu Kieku kont inkabbar din il fotografija tieghek u ma nigba qatt inhares lejha.....

Mario Issa nghid lil Mama' tghamillek fotografija kbira, kbira u poggiha ghun quddiemek fejn taraha sewwa.

Karlu Iva neputi ta' qalbi. U jena nghid lil mama' tieghek biex tiehu 'l-fotografija tieghi u inti tehoda mighek l-Australia. Jen issa sgur illi inti ghandek ghajnejk zbieh biex tista' tarani, zbiħ bħal tiegħi.

Mario (Ipetpet ghajnejh f-kisra ta' l-akbar swied il qalb, ikun sejjer jghid xihaga u ma jghid xejn. )

Karlu Neputi, issa marridx inzommok ghawn irsir tieghi f'din id-dalma li twahhax. Mur hdejn il mama' u il Papa'; anzi qabel mur ghati harsa minn dik it-tieqa u hares xi gmiel il port mimli bill fregati. Kemm dwal fuq il bahar!...Mur neputi, inzel fil gnien u ara xi gmiel ta' fjuri. Jena nibqa ghawn wahdi ghax id-dawl qawwi jweggali ghajnejja.

Filipp ( Li ghadu dejjem wara is-sufan. ) Le Sinjur, inti qatt ma inti wahdek.

Karlu Oh! Il mahbub tieghi Filipp. Iva, inti ibqa ghawn ma' gembi. ( Fix-xena taqa' sikta kbira u f-din is-sikta tinstemagh musika tragika minn gewwa. )

Mario (Imharrek minn din il musika iqum iteftef b-idhu w jpetpet ghajnejh, jibda biex jghati xi pass bill modi. Filippu jinsab aljenat fuq Karlu, ma jatix kas illi Mario mexa bicca sewwa wahdu. Fl-eqqel tal musika tragika Mario jolqot mat-tavolin fejn hemm il vazett bil fjuri. It-tavolin jaqa' fl-art u il vazett isir frak. Ghal dan il hoss Mario jibqa' b-idejh miftuhin b-ghajnejh ipetptu bil qatagh, miblugh donnu irid isejjah il ghajnuna. )

Karlu (Mal hoss iqum maqtugh ipetpet ukol ghajnejh miblugh aktar minn Mario. ) X-gara?! ( Il-musika tieqaf. )

Mario Ma nafx nannu!...Ilqat ma xihaga u....ghandu jkun inkisret, ahfirli! ( Kontra xena ta' Filippu. )

Karlu Imma x-waqqajt neputi?! Weggajt?!

Mario Ma weggajc, imma xihaga inkisret!...Ahfirli nannu! (Jibqa cass fejn kien.)

Karlu Filipp! Filipp x-inhu li gara?!

Filipp (Mifxul ghal darba.) Sinjur, in-neputi kien miexi u ma n nafx kif.....Ghandu jkun....hekku, laqat mat-tavolin fejn jen nighedt il vazett bill fjuri...

Karlu (Jahtfu.) Kissru ! ( Filipp imhawwad. )

Mario (Li b-riglejh mis il hgieg tal vazett imfarrak.) Iva nannu, ahfirli!...

Karlu Imma weggajt?! ( Jiqaddejjem fejn hu. )

Mario Ftit fuq sieqi nannu.

Karlu Imma mbierek l-int ma rajtux il vazett bill fjuri fuq it-tavolin?!

Mario Ma rajtux nannu!....( Kwazi se jaqbadt jibki. )

Karlu (Bil mod lil Filipp.) Imma n-neputi mhux ghama bhali....

Filipp (Jiftah idejh imhawwad. )

Karlu (Lil Mario b-lehen gholi.) Imma neputi kif ma rajtux il vazett tal fjuri-?! ( Karlu ghamel din il mistoqsija mhux biex icanfar lil Mario, aktar ghaliex dejjem baqa' jissuspetta illi huwa ghama bhalu. )

Mario Nannu tieghi, jena ghama! Ma narax!! ( Jinqasam f-bikja u jolfoq qawwi. )

Karlu Oh! Nepputi mahbub tieghi! Mhux ta' xejn meta ommok qaltlek illi inti tigbahni f-kollox!...Iva!...Qalbi hebritni!!....In-nepputi tieghi ghama!....Ghama bhali!!! (Din il kelma tmut fuq fommhu. Fil hin id-dawl tal palk jitbaxxa u jitbiddel fill blue. ) Bhali!...Bhali!..... (Ma jissuktax il kelma ghax tatieh sinkope. Filippu jintebah, imur fuq is-sufan ma' gemb Karlu jzommhu. ) Ghama..........Bhali!............ (Inizzel rashu fuq spallejn Filippu ghax ir-ruh sabieha tieghu ittajret ghal hdan t-Alla. Kontra xena ta' Filippu. )

Filipp (Illi jibqa izomm il gisem ta' Karlu mejjet fuq spalthu sakemm tinghalaq il purtiera; x-hin jisma' lil Mario jolfoq jghidlu. ) Sinjorinu Mario, nitolbok ma tghamilx hoss ghax in-nannu giethu nghasa helwa u raqat.

Mario (Li kien bicca sewwa fill bghodt min-nannu, la fehem kelma u wisq izjed intebah b-dak li gara'.) In-nannu raqad? Ma qal xejn x-hin ra' il vazett tal fjuri fl-art imfarrak?

Filipp Ma qal xejn, u ibqa' zgur illi inqas sejjer iqum biex icanfrek izjed......

Mario (Perswas illi in-nannu rieqed jimsah ghajnejh, ipetpithom u jeqaf mill biki imsabbar.) In-nannu raqadt. (Iteftef b-idejh u jfittex li jghati xi pass.)

Filipp ((Minn taht ilsien li ma jisimghux Mario.) Ir-randa ta' dejjem! (Issa wkol Filipp haddejh jinhaslu bid-dmugh.)

L-ahhar Xena.

Karlu mejjet fuq is-sufan fi hdan Filipp, Mario fejn kien dejjem ipetpet ghajnejh. Oraziu u Vittoria.

N.B.
Issa din ix-xena tragika li fuq il palk waqqaght sikta kbira ta' niket tigi miksura mid-dahq kwazi ezagerat ta' Oraziu u Vittoria.

Oraziu (Jithol flimkien ma' Vittoria jithqu kemm ghandom hila.) Kemm hi sabieha, waqa' il bahar bill hwejjeg u b-kollox! (Jithqu aktar minn qabel.)

Mario (Jiccaqlaq.) Papa', tghamlux hsejjes ghax in-nannu rieqed. ( Oraziu u Vittoria jeqfu mid-dahq u jersqu lejn Karlu. )

Filipp (Lill Oraziu u Vittoria jghamlilhom ghelm b-idhu illi Karlu mejjet. Kontra xena ta' Oraziu u Vittoria. )

Vittoria (Tmur ma'gemb Karlu, tmisslhu 'l-polz u tghatti wicca tibki. )

Orazju (Imur ma' gemg Mario, jaqbdu minn idhu bill hkewwa. ) X-gara ibni?!

Mario Ma nafx Papa'. Imma nitkelmu bill modt ghax in-nannu raqad.
(Kontra xena ta' l-ohrajn. Fill hin mill bghodt jinstemghu idoqqu il qniepen il kbar ta' San Gwann tal Belt b-ghelm ta' festa kbira. )

Vittoria Il qniepen kbar ta' San Gwann qedin isejhu lil maltin kollha biex jghamlu l-Akbar Ghid lil missirietna li b-demmhom haslu l-art.tghana mqaddsa fit-taqbida ta' l-assedju ta' Malta, u ahna gejna mill Australia biex.....( Tibki.)

Oraziu Biex naqsmu 'l-ferh ma' hutna 'l-maltin!
(Imnikket ghall ahhar.)

Vittoria U dan il ferh imbidel f-funeral tal Papa' tieghi!
(Tibki.)

Filippu U jena li gbart mill gnien l-izbah fjuri biex infewhilkom id-dar li kella tatikom il merhba, kellu jkun hu il htija ta' kollox, il Vazett tal fjuri!

(Il qniepen jibqghu idoqqu sakemm tinghalaq il purtiera, izda dejjem jitbghedu....Mario fl-innocenza tieghu u billi ma weqghux taht ghajnejh il grajja baqa' hiemed bhal tarbija f-dirghin missierhu. Karlu bla ma jghati ebda ghelm ta' hajja jibqa' mixhut fuq Filipp. Vittoria taqbadt mill gdid id il Papa' u hiha u qeda tbusielhu b-wicca mahsul bid-dmugh tghid b-lehen gholi.)

Vittoria Filipp, x-ghadt li kienet il htija ta' dan li gara?!

Filipp Dawk il fjuri li hemm fl-art,&Sinjura.

Mario Kienu fjuri sued mama'! Ghax jena ma rajt xejn tlief dolma sewda quddiemi !....

KWADRU

Bill qajl qajl tinghalaq il Purtiera

Tmiem tad-dramm.

Nhar L-Apsi 1965.

Sliema, Malta.

———...———